**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru :**
**Appell Nru: 144/2001**

**Il-Pulizija ( Spettur David Galea )**

**Vs**

**CARMELO GRECH**

**Illum, 3 ta'Ottubru, 2001.**

Il-Qorti :

Rat l-akkuza dedotta kontra Carmelo Grech talli fl-1 ta'Novembru, 2000, ghal habta tal-11.50 p.m., bhala il-patrun jew kaptan tal-bastiment (trawler) bl-isem M.V. Gatto F 82, xehet jew irmonka, jew ippermetta li tinxtehet, jew tigi irmunkata, xibka jew xbieki ghas-sajd bit-tkarkir 'l barra mill-ponta ta' l-Ahrax tal-Mellieha, f'post maghruf bhala Sikka tal-Bajda, liema post kien 'l gewwa mit-tlett mili nawtici preskritti mil-ligi.

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali fil-5 ta'Lulju, 2001, li biha ma sabetx lill-Carmelo Grech hati ta' din l-akkuza, u lliberatu minnha.

Rat ir-rikors t'appell ta' l-Avukat Generali datat 24 ta'Lulju, 2001, li bih talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata, u minflok, wara li jinstemghu l-provi, issib u tiddikjara htija fl-appellat Carmelo Grech u tinfliggi fuqu l-piena skond il-ligi.

Rat l-aggravju ta' l-appellant Avukat Generali.

Rat l-atti.

Semghet it-trattazzjoni.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi l-aggravju ta' l-appellant Avukat Generali jikkonsisti filli, skond hu, l-ewwel Qorti kienet erroneament ezaminat u applikat ligi f'dan il-kaz, meta din qatt ma kienet giet indikatha lilha mill-prosekuzzjoni, u li fil-fatt m'ghandhiex x'taqsam mal-kaz in ezami.

Mill-verbali tas-seduti li hemm f'dawn l-atti, u precizament il-verbal tad-19 ta'Frar, 2001, jirrizulta li l-prosekuzzjoni, fuq rikjesta ta' l-ewwel Qorti, kienet indikat lil dik il-Qorti li r-reat addebitat lill-Carmelo Grech hu dak li jirrizulta mir-Regolamenti tas-Sajd tal-1934 u l-emendi li saru wara.

Issa mid-dicitura tas-sentenza appellata jidher evidenti li l-ewwel Qorti bla ebda mod ma kkunsidrat dawn ir-Regolamenti tas-Sajd tal-1934, kif sussegwentement emendati. Fil-fatt, l-ewwel Qorti filwaqt li ma ghamlet ebda riferenza ghal dawn ir-Regolamenti, minflok, fis-sentenza taghha rreferiet ghall-Att XII tal-1953 (Kap. 138), cioe', l-Att Dwar l-Industrija tal-Hut, u qalghet li r-reat addebitat lill-Carmelo Grech ma jinkwadrax ruhu f'dan l-Att, u, ghalhekk, waslet sabiex tillberah mill-akkuza mressqa kontrih. Fil-fatt hekk hu, ghaliex ir-reat addebitat lill-Carmelo Grech ma johrogx minn dan l-Att XII tal-1953, izda mir-Regolamenti tas-Sajd tal-1934, kif sussegwentement emendati,

liema Regolamenti gew indikati mill-prosekuzzjoni lill-ewwel Qorti bhala l-ligi li tirregola l-allegat agir ta’ Carmelo Grech.

Din il-Qorti ma tistghax tifhem kif l-ewwel Qorti semmiet il-Kap.138 (L-Att Dwar l-Industrija tal-Hut) bhala l-ligi li tapplika f’dan il-kaz, meta dan qatt ma gie indikat lilha mill-prosekuzzjoni, u lanqas ma tista’ tifhem, allura, kif waslet biex tikkunsidra dak l-Att u mhux il-ligi li giet riferita lilha mill-prosekuzzjoni. Fil-fatt ir-reat addebitat lill-Carmelo Grech hu dak li jiddisponi l-Artikolu 14 ta’ dawn ir-Regolamenti tas-Sajd tal-1934, kif wara emendati.

Ghalhekk filwaqt li l-aggravju ta’ l-appellant qed jigi akkolt, din il-Qorti qed tilqa’ l-appell ta’ l-Avukat Generali, tirrevoka w thassar is-sentenza appellata, u minhabba l-beneficcju tad-doppju ezami, tordna li l-atti jintbghatu lura lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’Gudikatura Kriminali sabiex tkun dik il-Qorti li terga’ tisma l-provi kollha mil-gdid u tiddeciedi dawn il-proceduri.

Aldo Testone
Deputat Registratur